

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1)(c) kif ukoll l-Artikolu 6(1) u (3) tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2012, dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġislazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fil-kuntest ta' proċedura kriminali, tipprevedi li l-persuna mħarrka li ma għandhiex residenza f'dan l-Istat Membru u lanqas ma għandha post fejn tgħix fiss f'dan tal-aħħar jew fl-Istat Membru ta' oriġini tagħha hija marbuta li tinnomina mandatarju għall-finijiet li jirċievi n-notifika ta' digriet kriminali li jikkonċernaha u li t-terminu biex titressaq oppożizzjoni kontra dan id-digriet, qabel ma dan isir eżegwibbli, jibda jiddekorri min-notifika tad-digriet imsemmi lil dan il-mandatarju.

Madankollu, l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2012/13 jeżiġi li, fl-eżekuzzjoni tad-digriet kriminali, minn meta l-persuna kkonċernata tkun effettivament ġiet innotifikata b'dan id-digriet, din għandha titpoġġa fl-istess sitwazzjoni li kienet tkun fiha kieku d-deċiżjoni msemmija ġiet innotifikata lilha personalment u, b'mod partikolari, din għandha tibbenefika mit-terminu ta' oppożizzjoni kollu, jekk ikun il-każ, billi tibbenefika minn reintegrazzjoni fid-drittijiet.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura li l-proċedura nazzjonali ta' reintegrazzjoni fid-drittijiet kif ukoll il-kundizzjonijiet li huwa suġġett għalihom l-eżerċizzju ta' din il-proċedura jiġu applikati b'mod konformi ma' dawn ir-rekwiżiti u li din il-proċedura tippermetti b'hekk l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet li jistabbilixxi l-imsemmi Artikolu 6.

<sup>(1)</sup> ĠU C 260, 18.07.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' April 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja**

(Kawża C-153/16) <sup>(1)</sup>

**(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ħażna mhux xierqa ta' kwantità kbira ta' tyres użati — Skart li ma jirrispettax ir-rekwiżiti ffissati mid-Direttivi 2008/98/KE u 1999/31/KE — Perikolu persistenti u kontinwu għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem)**

(2017/C 168/20)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Sanfrutos Cano u D. Kukovec, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentant: A. Grum, aġent)

**Dispożittiv**

- 1) Peress li ppermettiet fuq art miksija biż-żrar li tinsab fit-territorju tal-komun ta' Lovrenc na Dravskem polju (is-Slovenja) un perikolu persistenti u kontinwu għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem, minħabba ħażna mhux xierqa ta' kwantità kbira ta' tyres użati, flimkien ma skart ieħor u bir-rimi tagħhom bi ksur tar-rekwiżiti imposti fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE, tas-26 ta' April 1999, dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma [landfill], ir-Repubblika tas-Slovenja kisret l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5(3)(d) ta' din id-direttiva u tal-Artikoli 12 u 13 kif ukoll tal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika tas-Slovenja hija kkundannata tbatl l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll żewġ terzi ta' dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatl terz tal-ispejjeż tagħha stess.

<sup>(1)</sup> ĠU C 222, 20.6.2016.